MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 4/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Musu**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Musu talli fl-14 ta' Ottubru 2005, ghall-habta tad-9.10 a.m. u xhur qabel, gewwa 48, Triq San Duminku, Sliema, ghamel theddid bi vjolenza li jitfaghha mill-gallarija ghal isfel;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Jannar 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Paul Musu hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u lliberatu bil-

kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) xhur mid-data ta’ dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Paul Musu pprezentat fid-19 ta’ Jannar 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Ix-xiehda mismugha mill-gdid minn din il-Qorti tista’ tigi rijassunta hekk:

**Catherine Musu**, mart l-appellant, xehdet illi hi u zewgha qeghdin fi proceduri ta’ separazzjoni izda ghadhom jghixu fl-istess dar. Fl-14 ta’ Ottubru 2005 zewgha kien ghadu gej minn barra minn Malta u ghalhekk ma kinitx ratu filghaxija. Filghodu kien qieghed fil-kamra tal-banju li hija parti mill-kamra tas-sodda u kienet qed taghmel is-sodda u minn barra qaltlu biex ihallilha l-flus ghax l-Lm40 li kien halla ma servewx ghax kellha t-tabib tat-tifel. Qalet illi ma kellimhiex u dahlet fil-kamra tal-banju ssaqsieh jekk semaghhiex u qallha: *“Tibdiex ta, itlaq ‘il barra, tibdiex taqbad mieghi”*. Ix-xhud tkompli tghid illi mbuttaha u qallha: *“Ar’hemm ghax nitfghek mill-gallarija ghal isfel”*. Qalet li din ma kinitx l-ewwel darba imma dejjem kienet tibza’ jew tisthi tmur tirrapporta l-ghassa. Ix-xhud sostniet li cemplet lill-avukat li qallha biex tirrapporta l-ghassa. Qabel ma telqet lejn l-ghassa u giet naqra f’taghha qaltlu: *“Ha nghidlek, trid tara x’ser taghmel ghax la inti ghadek hawnhwkk tghix fid-dar ma tistax tibqa’ tghix kif trid, tidhol tard, ma tidholx. Ghax jiena l-hwejjeg nitfaghlek mill-gallarija ghal isfel, mhux titfa’ lili, ghax jiena ghandi tifel ghadu zghir, u dan l-inkwiet kollu zejjed”*. Regghet sostniet

li mbuttaha u li dak il-hin kienet fejn il-bieb tal-gallarija. In kontro-ezami x-xhud imbaghad qalet illi fl-incident ta’ l-14 ta’ Ottubru 2005 fil-fatt heddidha li jitfaghha mill-gallarija imma mhux li refa’ jdejh fuqha. Spjegat ukoll illi l-kamra tal-banju tinsab fil-kamra tas-sodda li tuza hi. Cahdet illi bidet titfaghlu hwejgu ma’ l-art u qaltlu biss: “Nitfaghlek il-hwejjeg ma’ l-art”. Imbaghad qalet illi ma kienx hemm argument fuq il-hwejjeg u li qaltlu kien li jekk ghadu jghix fl-istess dar irid jara x’ser jaghmel u mhux jidhol u jsiefer x’hin irid u kif titkellem nofs ta’ kelma hi zejda. Regghet qalet illi lilu qaltlu: *“Jien hwejgek nitfaghlek barra mill-galalrija u mhux titfa’ lili”*. Ghall-osservazzjoni li ma semmithiex lill-Pulizija meta ghamlet ir-rapport, qalet li jista’ jkun u li dan kien l-ewwel darba li marret taghmel rapport l-ghassa. Finalment qalet illi wara skopriet illi fir-rapport inkiteb li hi ma riditx tmexxi u meta kkuntattjaha s-surgent qaltlu li ma kinitx qaltlu hekk.

**P.S. 1373 John Micallef** xehed illi r-rapport kien ircevieh u kitbu l-orderly tieghu. Cempel lil Catherine Musu biex jara x’kien gara ezatt u meta qed jaqralha r-rapport qaltlu li lill-Pulizija ma kinitx qaltlu li ma riditx tiehu azzjoni kriminali kontra zewgha. Marret l-ghassa, ix-xhud qralha r-rapport u kull ma qaltlu li riedet li jittiehdu passi. Ma bidlitx il-verzjoni. Lill-appellant ma kellmux izda kien l-orderly li kellmu.

**L-appellant** xehed illi martu tuza l-*main bedroom* filwaqt illi hu juza l-kamra li suppost hi tat-tifel. L-incident gara fil-kamra tas-sodda fejn qed jorqod hu. Hu kien hareg mill-kamra tal-banju u mar fil-kamra tas-sodda u hi dahlet warajh. Hija kienet qed tghidlu li ma tridux izjed hemm gew u li ha taghmel minn kollox biex titfghu ‘l barra minn hemm, bidet tghajjat u qaltlu: *“Nibda mill-hwejjeg”*, u bidet titfaghlu l-hwejjeg ma’ l-art. Saqsiha ghalfejn qed titfaghhom ma’ l-art u wegbitu: *“Mhux ma’ l-art nitfaghhom, mill-gallarija nitfaghhom”*. Hu telaq ‘il barra ghax l-avukat tieghu dejjem jghidlu biex ma jkunx hemm konfrontazzjoni. Qal li kkuntattjawh il-Pulizija, mar l-ghassa, qalulu li martu rraportat li qed jghid li ser jitfaghha mit-tieqa ghal isfel u nnega filwaqt li ammetta li kellhomargument. In konro-ezami qal li pprova jzomm lil

martu milli titfa' l-hwejjeg ma' l-art, ammetta li rrabja meta tefghet hwejgu ma' l-art u taqbez fuqhom izda cahad ghal diversi drabi, anke fuq domandi tal-Qorti, li semma' gallariji u li heddidha li ser jitfaghha mill-gallarija. Imbaghad qal li qed jiftakar li martu tieqa semmiet u mhux gallarija.

Ix-xiehda li nghatat minn Catherine Musu u mill-appellant hija certament konfliggenti. Certament ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[1]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[2].

Il-kwistjoni kollha hi wahda ta' kredibilita`. L-appellant isostni li a bazi tal-provi prodotti u, senjatament, ic-cahda ta' l-appellant *a tempo vergine* meta gie kkuntatjat mill-Pulizija dwar ir-rapport maghmul minn martu, ic-cahda kategorika tieghu meta xehed quddiem l-ewwel Qorti – u issa wkoll quddiem din il-Qorti – il-verosimiljanza tal-verzjoni moghtija minnu, u x-xiehda ta' martu li halliet barra sija lill-Pulizija u sija fx-xiehda taghha quddiem l-ewwel Qorti certu agir taghha lejn zewgha fil-hin ta' l-istess incident – agir li mbaghad ammettietu in kontro-ezami – huwa kellu jigi liberat mill-imputazzjoni dedotta kontra tieghu. Il-prosekuzzjoni, mill-banda l-ohra, issostni li Catherine Musu m'ghandhiex ma titwemminx, li x-xiehda taghha hi korroborata mir-rapport li ghamlet lill-Pulizija u sahansitra mill-insistenza taghha lill-Pulizija li riedet tipprocedi kontra zewgha.

1 Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

2 Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

F'dan il-kaz din il-Qorti ma setghetx ma tinnotax diversi konflitti fil-provi tal-prosekuzzjoni: per ezempju l-kwerelanti tghid li l-appellant heddidha li jitfaghha mill-gallarija ghal isfel u mbuttaha izda mbaghad tghid li heddidha b'dak il-mod izda mhux li refa' idejh. Fir-rapport hemm indikat illi ma riditx li tittiehed azzjoni bil-Qorti izda mbaghad insistiet ma' P.S. 1373 John Micallef li tittiehed azzjoni ghax hekk riedet mill-ewwel – fatt, pero`, li ma jissemmiex fl-imsemmi rapport. Il-kwerelanti tinnega li kien hemm argument fuq il-hwejjeg izda tammetti li lill-appellant qaltlu li hwejgu titfaghlu mill-gallarija – punt li ma jirrizultax li semmietu lill-Pulizija. Hemm imbaghad konflitt dwar fejn ezattament gara l-argument in kwistjoni – mhuwiex kontestat li kien hemm argument – il-kwerelanti tghid fil-kamra tal-banju u l-appellant jghid fil-kamra tas-sodda tieghu, konflitt dwar jekk il-kwerelanti bdietx titfa' hwejjeg l-appellant ma' l-art jew le, konflitt dwar jekk issemmietx gallarija jew tieqa, u konflitt dwar it-theddida li allegatament saret mill-appellant, theddida li l-appellant konsistentement cahad li huwa ghamel. Barra minn hekk din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandu jigi traskurat dak li qal l-appellant fis-sens li dejjem inghata l-parir mill-avukat tieghu biex jevita konfrontazzjonijiet.

Fid-dawl ta' dan kollu jibqa' f'mohh il-Qorti *"lurking doubt"* dwar il-htija ta' l-appellant li giet pronunzjata mill-ewwel Qorti u hija ghalhekk tal-fehma li ghandu jinghata l-beneficcju tad-dubju fir-rigward ta' dak li martu qalet li allegatament kien gara.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u minnha tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------